MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI)
# TRIBUNAL GHAT-TALBIET IZ-ZGHAR

**ONOR. IMHALLEF**
**SCIBERRAS PHILIP LL.D.**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 1478/2001/1

**Benny Camilleri**

**vs**

**Ian Schembri u b'digriet ta' l-20 ta' Dicembru, 2001, ma' l-isem tal-konvenut zdiedu l-kliem "u Albert Schembri".**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta' April, 2002 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"It-Tribunal,*

*Ra l-avviz ipprezentat mill-attrici fis-16 ta' Novembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u hamsa u disghin lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm795.71) u fejn intqal:*

*Illi kien pattwit bejn l-attur u l-konvenut li l-attur jaghmel xoghol u jiffornixxi materjal in konnessjoni ma' xoghol ta' "plumbing" u "electricity" fid-dar tal-konvenut numru 23 Triq id-Dejqa, Naxxar;*

*Illi l-materjal gie fornit u x-xoghol tlesta mill-attur fid-dar numru 23 Triq id-Dejqa, Naxxar;*

*Illi l-prezz tal-materjal fornut u x-xoghol provdut mill-attur jammonta ghal elf sitt mija u hamsa u erbghin lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm1645.71);*

*Illi l-konvenut hallas lill-attur tmien mija u hamsin lira Maltija (Lm850.00) biss;*

*Ghaldaqstant l-attur jitlob li t-Tribunal jogghbu jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta' seba' mija u hamsa u disghin lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm795.71);*

*Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.*

*Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-28 ta' Novembru, 2001, fejn gie eccepit:*

*i. illi fl-ewwel lok il-gudizzju mhux integru stante illi l-mara tal-konvenut mhix parti f'dawn il-proceduri;*

*ii. illi fit-tieni lok il-kawza hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148 (a);*

*iii. Salvi eccezzjonijiet ohra.*

*Semgha x-xhieda ta' Benny Camilleri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.*

*Ikkunsidra:*

*1. Din il-kawza ed issir ghall-hlas ta' xoghol u materjal li l-attur iffornixxa lill-konvenut fil-fond 23 Triq id-Dejqa, Naxar. Ix-xoghol kien ta' ilma u elettriku.*

*2. L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut dwar li l-gudizzju mhux integru peress li ma kienetx inkluza fil-kawza mart l-istess konvenut, giet sorvelata billi giet ordnata l-korrezzjoni opportun fir-rigward.*

*3. It-tieni eccezzjoni hija dik ta' preskrizzjoni, ossija li l-azzjoni hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili, ossija li l-azzjoni hi preskritta bl-gheluq ta' tmintax-il xahar.*

*4. L-attur xehed li x-xoghol in kwistjoni kien beda fi Frar, 1998, u spicca fit-30 ta' Awissu, 1999. Skond l-attur kien ghad fadal xi xoghol fuq barra li m'ghamlux peress li l-konvenut ma qallux biex jaghmlu. Il-ftehim kien li meta jaghmel il-faccata jerga' jcempillu. Jghid li l-ahhar li ltaqa' mal-konvenut kien fit-30 ta' Awissu, 1999 meta lesta x-xogholijiet.*

*5. Jirrizulta li l-attur kien thallas tmien mija u hamsin lira Maltija (Lm850.00). Ircevuta tal-VAT fir-rigward iggib id-data tas-26 ta' Gunju, 1999.*

*6. Il-konvenut sussegwentement baghat invoice lill-konvenut fit-13 ta' Gunju, 2000, u ittra ufficjali fl-10 ta' Settembru, 2001.*

*7. Minn meta sar il-pagament ta' tmien mija u hamsin lira Maltija, sa meta intbaghtet l-ittra ufficjali ta' l-10 ta' Settembru, 2001, ga kienu ghaddew aktar minn tmintax-il xahar. Ghalhekk meta giet intentata l-azzjoni kien ga ghadda it-terminu preskrittiv.*

*Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata, jiddikjara l-azzjoni preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili, u konsegwentement jichad it-talba attrici.*

*L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom ikunu a karigu ta' l-atturi."*

Appella minn din is-sentenza l-attur fuq il-bazi li t-Tribunal ma kellux jilqa' l-preskrizzjoni eccepita u dan peress illi kien hemm rikonoxximent tad-debitu da parti tal-konvenut oltre li l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kellha tibda tiddekorri minn dakinhar li l-azzjoni setghet tigi ezercitata.

Il-meritu tal-kawza attrici jikkoncerna talba ghall-hlas ta' somma bilancjali ghall-ezekuzzjoni ta' xoghol ta' plumbing u elettriku lilu kommissjonat u li fih hu fornixxa wkoll il-materjal. Dan kif jirrizulta mit-termini tal-avviz.

Fil-konfront ta' din it-talba l-konvenut issolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili. Eccezzjoni din li sabet il-favur tat-Tribunal.

L-artikolu 2148 (a) igib l-estinzjoni ta' l-azzjoni b'gheluq ta' tmintax il-xahar fil-kaz ta' "*l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara, u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu*."

Il-preskrizzjoni hawn kontemplata ma tikkolpix l-azzjoni prezenti, u anke jekk dan il-punt ma tqajjimx formalment mill-appellant il-Qorti hi fid-dover li tissollevah hi ghax ma tistax thalli li tigi applikata ligi zbaljata ghal fatti maghrufa fejn hekk jokkorrilha li hu l-kaz. Dan anke in omagg ghal principju tal-gustizzja sostanzjali.

Kif gja inghad jirrizulta mill-istess termini tal-Avviz illi l-appellanti mhux biss fornixxa l-materjal izda wkoll l-opra tieghu billi ezegwixxa xoghol ta' plumbing u ta' elettriku. Mix-xhieda tieghu fl-udjenza tal-15 ta' Jannar 2002 jirrizulta illi hu beda dan ix-xoghol fi Frar 1998 u ikkompletah, hlief ghal xi xoghol minimu, fit-30 ta' Awissu, 1999.

Fil-kawza fl-ismijiet "**<u>Tommaso Pace noe –vs- Salvatore Muscat</u>**", Qorti ta' l-Appell, Sede Inferjuri, 18 ta' Mejju 1929 gie rilevat illi d-disposizzjoni ta' l-Art 1912 (illum 2148 (a)) ta' l-Ordinanza VII tal-1868 "*non e' applicabile a*

*coloro che esercitano una impresa per il loro credito per le opere da loro eseguite e pei materiali da loro forniti … …*"

Dak l-Artikolu jirreferixxi ghalhekk ghall-krediti ta' artefici li jipprestaw l-opera taghhom u mhux appaltatur ta' l-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew (**Vol XLI pI p347**). F'dan il-kaz aktar minn opra hemm il-prestazzjoni ta' l-"opus" "*minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xoghlijiet u minghajr qies tal-importanza tas-somministrazzjonijiet.*" (**Vol XLII pIII p1151**; "**Joseph Grech –vs- Emanuela Camilleri et**", Appell Kummercjali, 21 ta' Marzu 1977; "**Gio Maria Camilleri –vs- John Licari et**", Appell Kummercjali, 16 ta' Ottubru 1972; "**Francis Bugeja nomine –vs- Indri Mercieca**", Appell, 29 ta' Mejju 2000.)

Dawn is-sentenzi kollha ghamlu d-distinzjoni bejn id-dispost tal-ligi hawn ezaminat (Art 2148 (a)) u provvediment iehor tal-ligi in materja ta' preskrizzjoni li mieghu ghandu certa affinita` (Art 2149 (a)). Fuq il-bazi tal-fatt maghruf, il-preskrizzjoni eccepita mill-konvenut appellat ma hijiex applikabbli u ghamel zball it-Tribunal li adottaha.

Il-Qorti ma tistax hi stess tqajjem eccezzjoni tal-preskrizzjoni (Art 2111, Kodici Civili) u lanqas tista' tikkonsidra ebda preskrizzjoni hlief dik specifikatament eccepita ("**Perit Victor Muscat –vs- Edgar Tabone**", Appell Civili, 18 ta' Frar 1963; "**Paul Xuereb –vs- Amabile Fiott**", Appell Sede Inferjuri; 3 ta' Dicembru 1975). Il-Qorti tal-Kummerc espremiet ruhha f'dan is-sens:-

"*Il-konvenut ma ssolleva ebda eccezzjoni ohra ta' preskrizzjoni u l-Qorti ma tistax tikkonsidra jew tapplika preskrizzjoni li ma gietx espressament imsemmija, u ma tistax tapplika terminu iehor ta preskrizzjoni*" – "**George Cini –vs- Rita Camilleri**", 26 ta' Lulju 1979.

Din il-Qorti tista' jekk trid tieqaf hawn. B'danakollu anke minghajr ir-rilevanzi appena zvolti l-Qorti thoss li l-ewwel aggravju jimmerita attenzjoni.

Kontro-ezaminat, l-attur jghid dan:-

"*Meta kont incempillu kien jghidli li ser* *jirrangaw*". Wiehed logikament jifhem b'dan il-kliem illi l-konvenut kien ser jghaddi ghall-hlas. Ma saret l-ebda disdetta mill-konvenut fir-rigward ta' din id-dikjarazzjoni u li, fil-fehma tal-Qorti, timplika rikonoxximent tad-debitu.

Jinsab difatti espress illi r-rikonjizzjoni tad-dejn tista' tkun "*anke prezunta u indiretta*". (**Vol XLIII pII p744**) kif ukoll "*tant espress kemm tacitu*" (**Vol XXXIX pI p686**; "**Lawrence Formosa et nomine –vs- Anthony Borg**", Appell, 27 ta' Jannar 1997).

In bazi ghal din il-konsiderazzjoni mhux il-kaz li l-Qorti tinoltra ruhha fl-aggravju l-iehor.

L-appell qed jigi milqugh u gjaladarba ma jirrizultax li tqajjmu eccezzjonijiet ohra fil-meritu din il-Qorti ser tghaddi biex takkolji d-domanda attrici.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost mill-attur appellant qed jigi milqugh kemm ghar-raguni li l-preskrizzjoni eccepita mhiex applikabbli kif ukoll ghar-raguni kontemplata fl-ewwel aggravju tar-rikonjizzjoni tad-debitu dovut. Konsegwentement tirrevoka s-sentenza appellata u tiddeciedi inoltre billi tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma reklamata ta' seba' mija u hamsa u disghin lira, wiehed u sebghin centezmu (Lm795.71,0) bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-Avviz. L-ispejjez kollha taz-zewg istanzi huma a kariku tal-konvenut.

Dep/Reg
cb